MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Numru. 58/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Jean Pierre Le Prevost ta' 17-il sena, bin l'Charles u Josephine nee' Azzopardi,
imwieled Rabat (Ghawdex), nhar is-26/08/1990,
residenti fil-fond Plot 12 Block 6, Vjal il-Labour,
Xewkija, Ghawdex, detentur
tal-karta tal-identita' numru 28090(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l fuq imsemmi Jean Pierre Le Prevost li gie akkuzat talli nhar il-10 ta' Awwissu, 2008, gewwa l-fond Plot 12, Block 6, Vjal il-Labour, Xewkija, ghal habta ta' xi disgha nieqes kwart ta' filghaxija (20:45);

a) Talli bla ordni skond l-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna, u cioe' lil ommu cioe' ***Josephine Le Prevost*** kontra l-volonta' taghha u/jew tagha l-post biex fih din il-persuna giet arresta, mizmuma jew issekkwestrata, u dan bi ksur tal-Artikolu 86 u 87(1)(h) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu, lil ***Josephine Le Prevost*** tesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew b'xi mod iehor, kontra il-ligi, indahal fi hwejjeg hadd iehor, ai termini tal-Artikolu 85;

Rat l-imputazzjonijiet;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-Probation Officer Ivan Sultana;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u fuq kollox ir-rakkomandazzjonijiet maghmula llum stess mill-Probation Officer Ivan Sultana li qed isegwi lill-imputat;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 86 u 87 (1) (h) u l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9, issib lill-imputat hati tal-akkuzi

migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446, il-Qorti qed tqieghed lill-hati taht ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum b'dan illi l-imputat ghandu jibqa' jsegwi l-kura taht il-Psikologu Michael Galea;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul iz-zmien operattiv ta' din is-sentenza jew jekk ma jobdix l-ordnijiet tal-Probation Officer jew jekk jikser l-ordni imposta fuqu llum;

Il-Qorti tordna notifika ta' dina s-sentenza lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------